**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 4 - IL-ĦAMIS, 9 TA' MEJJU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Chairperson BIC (waslet fit-7:50pm) |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Kien hemm persuna waħda għal parti mil-laqgħa. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ressaq il-minuti tat-tieni laqgħa li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku, dawn kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.2. Is-SE imbagħad ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tat-tielet laqgħa, li kienet laqgħa b'urġenza. Dawn kienu meqjusa moqrija. Wara proposta tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku, dawn kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.3. F'dan il-ħin il-Kunsill issospenda l-laqgħa biex issir laqgħa mal-Arċipriet, Dun Evan Caruana u, warajha, laqgħa mas-Sur Joe Attard ta' Green MT. Rapporti ta' dawn il-laqgħat huma annessa f'A u B rispettivament.

**2. RESPONSABBILTAJIET TAL-KUNSILLIERI – L-GĦAQDIET**

2.1. Is-Sindku staqsiet lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillier Gatt jekk kienx hemm xi forma ta' ftehim bejniethom dwar min minnhom kellu jassumi r-responsabbiltà tal-għaqdiet. Huma wieġbu li ma ntlaħaq l-ebda ftehim.

2.2. Il-Kunsillier Sammut ippropona li l-persuna responsabbli mill-għaqdiet tkun il-Viċi Sindku. Is-Sindku issekondat.

2.3. Wara votazzjoni r-riżoluzzoni għaddiet b'ħames voti favur u erbgħa kontra.

## 3. SOSPENSJONI TAL-AĠENDA – IS-SISTEMA TAL-PARKEĠĠ GĦAR-RESIDENTI FIŻ-ŻONA TA' TRIQ SAN PAWL

3.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jiddiskuti s-suġġett tar-*Residents Parking Scheme.*

3.2. Is-SE spjega kif qed titħaddem l-iskema u kif fl-ewwel jiem ta' prova tagħha kien hemm xi ilmenti li però setgħu jiġu indirizzati faċilment jekk il-Kunsill jiddeċiedi dwarhom.

3.3. Is-SE informa li l-maġġoranza tar-residenti kienu favur l-iskema iżda kien hemm ilmenti, l-aktar minn Triq in-Nutar Debono (li mhux parti mill-iskema), li issa qed isofru minn żieda ta' karozzi pparkjati għat-tul filwaqt li m'għandhomx permess biex jipparkjaw fiż-żona tal-iskema. Infatti s-SE kien qiegħed jipproponi lill-Kunsill biex jitlob lil TM li jestendi wkoll għall-parti ta' Triq in-Nutar Debono, bejn Triq Castro u Triq il-Parroċċa, jew jagħtihom il-permessi wkoll.

3.4. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet lil TM biex jestendi dik il-parti. Qabel ukoll li ż-żona għandha tkun meqjusa waħda u għalhekk il-permessi japplikaw għal dik iż-żona kollha u mhux triq triq.

3.5. Il-Kunsill qabel ukoll li bl-istess mod iż-żona bi skema simili li hemm madwar il-Pjazza Vittorja wkoll għandha tkun żona waħda li tissemma żona A filwaqt li ta' Triq San Pawl żona B. Dan dejjem suġġett għall-approvazzjoni ta' TM.

3.6. F'dan il-ħin il-Kunsillier Bonnici sostna li dawn l-iskemi huma ta' inkonvenjent kbir u m'għandhomx isiru. Sostna wkoll li, skont informazzjoni li kien hemm, dawn huma llegali għaliex saħansitra kien hemm kawża l-qorti. Is-SE wieġbu li jekk hemm illegalità din m'hijiex ġejja mill-Kunsill għaliex il-Kunsill għandu l-permessi meħtieġa minn TM. F'dan il-każ ikun irid iwieġeb TM. Saħaq ukoll li dawn joffru solliev lir-residenti minn parkeġġ fit-tul fejn hemm numru ta' negozji filwaqt li joffru *turn-over* akbar ta' parkeġġ li minnu jibbenefika l-kummerċ.

3.7. Ilmenti oħra kienu minn parti minn Triq San Pawl minħabba li kienu għadhom ma' ngħatawx il-permessi. Però appena ngħataw il-permessi kienu jidhru li huma sodisfatti.

3.8. Is-SE informa li kellu ilmenti wkoll minn nies li ma joqgħodux fiż-żona u oħrajn li la huma rreġistrati fuq in-Naxxar u lanqas għandhom il-vettura rreġistrata fin-Naxxar. Dwar dan il-Kunsill qabel li għal dawn m'għandhomx joħorġu permessi.

3.9. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat għaliex ma kienx jiflaħ. Il-ħin kien id-9:30pm.

## 4. MILL-MINUTI

4.1. Il-Kunsill imbagħad għadda biex jiddiskuti temi li joħorġu mill-minuti.

4.2. Il-Kunsillier Sammut staqsa dwar Trejqet il-Kampanjol fejn is-SE wieġeb li ma kien sema xejn konkret mingħand TM.

4.3. Wara mistoqsija mill-Kunsillier Sammut is-SE informa li, skont informazzjoni li għaddiet mingħand uffiċjali ta' Wasteserv fl-aħħar laqgħa li saret magħhom, ix-xogħol fuq l-ewwel fażi tat-toroq, li jinkludi Triq Santa Klara u Triq it-Tarġa, mistenni jibda fl-aħħar ta' Mejju.

4.4. Il-Kunsillier Galea semma l-mogħdija bejn il-Magħtab u Triq Qalet Marku u insista li l-Kunsill kellu issa jieħu d-deċiżjoni.

4.5. Is-SE kien mistoqsi x'kien deċiż eżatt u għalhekk qara para. 5.5. tal-minuti tal-laqgħa numru 2.

4.6. Il-Kunsillier Sammut insista li l-Kunsill, la darba għandu r-responsabbiltà hu, għandu jwettaq u jiffinanzja x-xogħol fuq Trejqet il-Kampanjol. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li, jekk hemm xi tiswija meħtieġa fi Trejqet il-Kampanjol, kellha tissewwa fl-iqsar żmien possibli.

4.7. Is-Sindku infurmat li kienet qed issir ħafna pressjoni biex il-mogħdija tinfetaħ.

4.8. Iċ-Chairperson ta' Baħar iċ-Ċagħaq (BIC) insistiet li l-mogħdija kienet inksiet bil-konkos illegalment u għalhekk m'għandiex tinfetaħ. Hija sostniet li r-raġuni li r-residenti tal-Magħtab iriduha miftuħa minħabba t-toroq ħżiena ma treġix għax it-toroq ilhom ħżiena sa minn qabel ma nfetħet it-trejqa. Insistiet ukoll li l-Kunsill kellu jieħu ħsieb u jirranġa t-toroq tal-Magħtab. Hija kompliet li l-Kumitat kien qiegħed jieħu din il-materja b'serjetà kbira u jekk tinfetaħ qiegħed ikun ikkunsidrat li jirreżenjaw il-membri kollha.

4.9. Il-Kunsillier Galea saħaq li l-Kunsill kellu jieħu deċiżjoni u għalhekk kien qiegħed jipproponi li għandha tinfetaħ għat-traffiku.

4.10. Il-Kunsillier Bonnici ppropona li din tinfetaħ għal żmien definit sakemm it-toroq ikunu rranġati.

4.11. Is-SE saħaq li, jekk il-Kunsill kien qiegħed jaħseb li r-raġuni vera tat-talbiet tar-residenti tal-Magħtab u ta' dawk li għandhom l-istalel hija għaliex it-toroq huma ħżiena, allura l-Kunsill ikun qiegħed jagħmel konsiderazzjonijiet żbaljati għax huwa evidenti li dik il-mogħdija jsibuha tqassar u r-raġuni vera hija propju għalhekk. Huwa kompla wkoll li kien jidher ċar li r-residenti tal-Magħtab kellmu lill-maġġoranza tal-Kunsillieri iżda ħadd mir-residenti ta' BIC ma kien avviċinahom. Huwa għalhekk appella lill-Kunsill biex jisma wkoll lir-residenti affettwati ta' BIC imbagħad ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata.

4.12. Finalment, u wara aktar diskussjonijiet, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lil TM biex il-mogħdija tinfetaħ f'direzzjoni unika 'l isfel lejn BIC għal żmien ta' prova ta' xahrejn.

4.13. F'dan il-ħin is-SE ġibed l-attenzjoni li kien sar il-ħin u, jekk il-Kunsill unanimament ried, seta' jkompli bil-laqgħa. Huwa fakkar li għad hemm wisq affarijiet, speċjalment it-talbiet u l-ilmenti, li għadhom ma ġewx ikkunsidrati. Il-Kunsill unanimament qabel li jkompli bil-laqgħa.

4.14. F'dan il-ħin iċ-Chairperson ta' BIC talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-10:37pm.

## 5. TALBIET U ILMENTI LILL-KUNSILL

5.1. Is-SE ressaq numru ta' talbiet u ilmenti lill-Kunsill. Lista ta' dawn it-talbiet bid-deċiżjonijiet relattivi hija annessa f'Ċ.

## 6. FULJETT BIEX JIRREKLAMA L-ATTIVITAJIET SPORTIVI

6.1. Il-Kunsillier Sammut ippropona li jkun ippubblikat fuljett li jirriklama l-attivitajiet sportivi ippjanati u li qed isiru taħt l-iskema tal-isports. Il-Kunsill qabel.

## 7. L-ATTIVITÀ L-ISTORJA TMEXXI S-SENGĦA

7.1. Il-Kunsillier Galea ppropona li din l-attività għandha ssir is-Sibt 22 ta' Ġunju minflok fis-7 ta' Ġunju minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed. Ippropona wkoll li magħha tkun magħquda l-attività tal-ħuġġieġa ta' San Ġwann li kienet issir xi snin ilu. Għal dan il-għan kompla jipproponi li l-attività ssir quddiem il-kappella ta' San Ġwann. Ippropona wkoll li dak inhar jingħata Ġieħ in-Naxxar.

7.2. Is-Sindku pproponiet li l-attività tiċċekken biex, bil-flus li jkunu ffrankati, l-Kunsill jinstalla dwal permanenti permezz ta' *flood lights* għal fuq il-kappella ta' San Ġwann. Is-SE però fakkar li dawn ix-xogħol tal-*flood lights* fuq il-kappella ma kienx fil-pjan jew fil-baġit tal-Kunsill u lanqas mhu se jkun hemm iż-żmien biex isiru sal-attività.

7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa mill-Kunsillier Galea.

7.4. Sadanittant il-Kunsillier Galea informa li l-assoċjazzjoni tal-patrimonju Naxxar reġgħet ġiet ri-attivata u għalhekk jittama li ma ddumx ma tkun varata. Qed jaħsbu li l-varar isir quddiem l-istampa.

## 8. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

8.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jaġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 21 ta' Mejju fis-7:30pm. Il-ħin kien 11:55pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# A

**LAQGĦA MAL-ARĊIPRIET DUN EVAN CARUANA**

**Il-Ħamis 9 ta' Mejju 2013 fit-7:44pm**

Qabel ma bdiet din il-laqgħa sar it-tberik.

**1. Gwardjani biex jassistu waqt il-purċissjonijiet:**

l-Arċipriet irrefera għal-laqgħa li saret mal-Ispettur tal-Pulizija tan-Naxxar, Josric Mifsud, u li għaliha kien attenda wkoll is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill (informazzjoni dwar din il-laqgħa kienet għaddiet lill-Kunsillieri kollha b'email mis-SE nhar il-25 ta' April 2013).

L-Arċipriet informa li minkejja li l-Pulizija qed jassistu mill-aħjar hemm bżonn ta' gwardjani biex jgħinnu fl-immaniġġjar. Issemmew il-bollards li jkunu mobbli li jistgħu jiffrankaw flus għall-gwardjani imma mhux fl-attivitajiet kollha.

Il-Kunsill qabel li jikkunsidra t-talba.

**2. Talba għal bollards għall-parkeġġ li għandu jitħalla liberu quddiem il-Knisja:**

L-Arċipriet informa li, minkejja li hemm il-marki mal-art 'Keep Clear", xorta waħda kulħadd jipparkja mingħajr kunsiderazzjoni ta' xejn u kull meta jkun hemm xi funeral jew tieġ ikollhom joqgħodu jiġru biex jaraw min ikkarkja. Huwa għalhekk kien qiegħed jissuġerixxi bollards li jitneħħew minnhom kull meta jkun hemm il-bżonn.

Il-Kunsill talab li jkollu informazzjoni dwar prezzijiet qabel ma jieħu deċiżjoni.

**3. Ħsara fuq il-bankina wara l-Annex tal-Knisja:**

L-Arċipriet irrapporta ħsara fuq il-bankina f'parti li tiġi wara l-Annex.

**4. Quddiesa tan-Novena:**

L-Arċipriet fakkar li kull sena fit-3 ta' Settembru ssir il-quddiesa tan-Novena li fiha jkunu mistiedna l-għaqdiet biex jippreżentaw is-simbolu tagħhom. Din issir fis-6:30pm.

Huwa esprima li jixtieq li l-Kunsillieri kollha jattendu.

Appella wkoll għall-attendenza f'attivajiet u funzjonijiet li jkunu organizzati mill-Knisja għaliex fl-istess waqt iservi ta' inkoraġġiment speċjalment għall-kor li huwa wieħed mill-aqwa li għandna fil-pajjiż.

**5. Ħwejjeġ oħra:**

Il-Kunsillier Bonnici appella lill-Arċipriet biex kemm jista' jkun fejn ikun hemm purċissjonijiet jinvolvi wkoll żoni oħra u mhux biss dik ċentrali u b'hekk jinvolvi lill-kulħadd. L-Arċipriet però wieġeb li din hija xi diffiċli li ssir għax fir-realtà ma taħdimx.

Fl-aħħar nett l-Arċipriet kien mitlub biex għall-attività tal-Petshow jibgħat saċerdot biex ibierek l-annimali.

Il-laqgħa spiċċat fit-20:16.

# B

**LAQGĦA MAS-SUR JOE ATTARD TA' GREEN MT**

**Il-Ħamis 9 ta' Mejju 2013 fit-8:17pm**

1. Is-Sur Attard irringrazzja lill-Kunsill li tah il-ħin u l-opportunità li jiltaqa' magħhom ħalli jkun jista' jispjega dwar l-iskema.
2. Huwa informa li l-iskema bdiet titħaddem fl-2010. Informa li per capita l-ammont ta' skart isseparat li nġabar tela' minn 528 tunnellata fl-2010 għal 575 tunnellata fl-2012.
3. Dwar il-ġbir separat, għalkemm għadna lura biex nilħqu l-livelli mixtieqa, n-Naxxar jinsab fuq quddiem. Informa wkoll li l-ammont miġbur mill-boroż il-griżi żdied iżda mill-bring-in sites naqas fl-2011 u żdied ftit fl-2012.
4. Dwar il-bring-in sites is-Sur Attard informa li jsir tindif regolari u s-sitwazzjoni tjiebet sew.
5. Meta tkellem dwar il-ġbir tal-ħġieġ bieb bieb huwa qal li fil-preżent huwa fi kwantitajiet żgħar u qiegħed isir biss fuq żona waħda partikulari. Il-ħsieb huwa li s-sistema tinfirex mal-lokalità kollha iżda informa li l-iskema mhux se tibqa' tqassam kaxxi għaliex dawn spiċċaw għall-użi oħra għajr għall-iskop li għalihom tqassmu. Il-ġbir għalhekk jibda jsir ġo kaxxi tal-kartun u jibqa' jsir kull ħmistax. Dwar dan is-SE issuġerixxa li biex ikun aktar faċli li wieħed jiftakar meta ssir il-ġabra, minflok strettament kull ħmistax għandhom ikunu eżempju kull l-ewwel u t-tielet Tnejn ta' kull xahar.
6. Il-Viċi Sindku ilmentat mas-Sur Attard li qed jinġabru l-kartun mill-ħwienet li mhux qed ikunu magħduda mal-kollezzjoni tan-Naxxar. Is-Sur Attard wieġeb li Green MT mhux qed tiġborhom hi imma jekk il-Kunsill jixtieq jistgħu joffru servizz on call.
7. Is-Sur Attard fakkar li skont il-kuntratt il-Kunsill huwa intitolat għal ħlas amministrattiv ta' €40 fix-xahar u għalhekk kien qiegħed jippreżenta l-ewwel ħlas ta' €4000 li iżda ma jkoprix kollox.
8. Huwa informa wkoll li hemm rati stabbiliti għal ġbir ta' aktar milli jkun stabbilit u li ta' dan il-Kunsill kien akkumula l-ammonti ta' €6688, €5117 u €5491 għas-snin 2010, 2011 u 2012 rispettivament. Dawn il-fondi jistgħu jintefqu biss fuq proġetti ambjentali u jridu jkunu approvati minn qabel minn Green MT. Huwa għalhekk appella lill-Kunsill biex joħroġ bi proġett ħalli jkun jista' jitwettaq b'dawn il-fondi.
9. Il-laqgħa mas-Sur Attard ġiet fi tmiemha fid-9:10pm.

Ċ

| ID | Description of work | L-isem tat-triq | Rimarki/Decizjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|
| 1833 | Talba ghal CCTV fi gnien l-UE, ghaliex qed isir il-vandalizmu, sahansitra qed ikun hemm zghazagh iwaddbu il-gebel mal-hitan tan-nies u jghamlu hsara mal-hajt. NOTA: Mill-bidu tas-sena s'issa il-Kunsill nefaq €88 f'manutenzjoni fil-gnien | Marokk | Mhux approvata - l-ispiza ma timmeritax l-investiment. |
| 1835 | Talba biex jitnehhew it-3 sigar mejtin | Labour | Approvat biex isir ix-xoghol minghand il-kuntrattur tal-Kunsill Agri-co-op. Is-SE pprezenta zewg stimi li nghatawlu verbalment. Il-kuntrattur kien qieghed jitlob biss tal-ispejjez u l-injam li jirrizulta ma jiehdux hu. Persuna ohra, Raymond Curmi, offra stima simili bil-patt u l-kundizzjoni li jiehu l-injam hu. |
| 1843 | Talba biex isir parking bay ghal persuni b'dizabilta. Qed ikun issuggerit li fejn kien hemm l-HSBC, ir-reserved parking bay titnehha u jsir parking space normali. Il-parking space ta warajh umbad isir parking ghal persuni b'dizabilta. Skond il-policies tat-TM (kopja mehmuza) Ir-reserved parking bay ma tistax titnehha minhabba li ghad hemm l-ATM | Vittorja | Mhux approvata biex ma jinheliex spazju ghall-parkegg li huwa diga' limitat. |
| 1845 | Talba sabiex issiru rampi fuq kull naha tad-dahla ta' Triq il-Markiz Scicluna biswit l-istatwa ta' San Guzepp u café Luna (ara wkoll indikazzjoni fuq il-mappa) | Vittorja | Approvata |
| 1847 | Talba sabiex isiru zewg dog foul bins (fejn hemm il-Knisja). | Katakombi | Approvata |
| 1848 | Talba sabiex jehlu xi tabelli ghal sidien il-klieb sabiex izommuhom fuq ic-cinga u jnaddfu warajhom (fejn hemm il-Knisja). | Katakombi | Mhux approvata izda t-tabelli jsiru bhala sticker fuq il-bin. |
| 1870 | Talba biex issir sign biex is-sidien tal-klieb inaddfu wara li jhammeg il-kelb. | Forga | Mhux approvata izda t-tabelli jsiru bhala sticker fuq il-bin. |
| 1874 | Talba ghal tabelli fil main roads tal-Maghtab biex ifakkru lis-sewwieqa tal-vetturi li hemm iz-zwiemel fit-triq u ghalhekk isuqu aktar bil-galbu | Kappella ta' Santa Marija | Approvati tliet tabelli. |
| 1895 | Talba biex ikun hemm loading/un loading bay quddiem Anthony Auto Parts. Fejn indikat fil-pjanta annessa. Anness ukoll hemm kopja tal-ilment kif ukoll ittra minghand is-sid flimkien ma sketch bil-hwienet immarkati. | 21 Ta' Settembru | Approvata. |
| 1896 | Talba biex isiru marki ta' parking bays fl-area ta' wara l-pompa tal-petrol u jithalla access liberu ghar-residenti minhabba li qeghdin jipparkjaw vicin wisq tal-bibien. Possibilment jkun parking ghar-residenti biss. | Labour | Il-Kunsill iddelega lill-Kunsillier responsabbli Noel Gatt biex jevalwa u jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu. |

Ċ

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1897 | Talba biex ikun installat doggy bin vicin il-bankijiet fil-pjazzetta faccata ta' Triq Guze Muscat | Santa Marija | Approvat. |
| 1898 | Talba biex ikun installat doggy bin vicin il-gnien | Hamrija | Approvat |
| 1899 | Talba biex isiru bizzejjed sinjali matul naha minnhom ta' Vjal il-21 ta' Settembru ghaliex minkejja li mhux suppost jipparkjaw qieghed ikun hemm parking bl-addocc maz-zewg nahat. Il-vetturi ipparkjati qeghdin jostakulaw l-flow ta' traffiku specjalment meta jkun hemm tal-Arriva ma tkunx tista' tghaddi. | 21 Ta' Settembru | Il-Kunsill ma laqax it-talba. Ir-raguni li, ghalkemm xi hinijiet vera jkun hemm aktar vetturi, ma jimmeritax azzjoni minhabba l-problema ta' parking ezistenti. |
| 1923 | Talba biex ikun installat doggy bin | Forga | Approvat. |
| 1931 | Talba ghal mera biex wiehed ikun jista' jara l-vetturi li jkunu hiergin minn Triq it-Torri Gaucu. Din tista' tehel in-naha tal-kappella fejn hemm ir-reserved parking faccata ta' triq imsemmija. Ara ritratti u site plan annessa | Konverzjoni | Mhux approvata. Ma jidhirx li hemm bzonnha u barra minn hekk tkerrah il-post. |
| 1951 | Talba biex isiru motorcycle bays minhabba li fl-akwata hemm madwar 6 muturi.<br>Motorcycle bay hija twila 2.2m<br>Car Bay hija twila 6m<br>ghalhekk 6 motorcycle bays jiehdu spazju ta ftit akatar minn zewg car bays. | Hamrija | Il-Kunsill iddelega lill-Kunsillier responsabbli Noel Gatt biex jevalwa u jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu. |
| 1958 | Talba biex isir doggie bin fi triq il-Katakombi wara l-Knisja | Katakombi | Approvata bhala parti min-numru 1848 aktar qabel. |
| 1961 | Talba ghal xi tabelli sabiex sidien il-klieb jiehdu hsieb jigbru l-hmieg tal-klieb. | Ignazio Micallef | Mhux approvata. |
| 1962 | Talba sabiex isir dog foul bin. | Ignazio Micallef | Approvat. |